MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 247/2011

**Adrian Sciberras (K.I. 224580M) a nom u in rapprezentanza ta'**
**Advanced Telecommunications Systems Co. Ltd.**
**Vs**
**Luigi Ravailia a nom u in rapprezentanza ta'**
**Clinica del Benessere Ltd (C-24405)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur nomine ippremetta illi s-socjeta' intimata xtrat is-sistema ta' computer kif ukoll network system fil-kumpless tas-socjeta' f'Mejju 2009 minghand is-socjeta' attrici ghall-prezz ta' €2872; illi nonostanti diversi interpellazzjonijiet is-socjeta' attrici baqghet inadempjenti fejn anke kienu gew prezentati cekkijiet li ma kienux onorati; ghaldaqstant is-socjeta' attrici titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jikkundanna s-socjeta' intimata l-ammont dovut ta' €2872; bl-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut nomine fejn eccepixxa illi l-ammont pretiz mis-socjeta' rikorrenti m'huwiex dovut u dan k if ser jigi ippruvat fil-kors tal-proceduri u ghaldaqstant it-talba tas-socjeta' rikorrenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti illi minn issa stess u l-ufficjali taghha ingunti ghas-subizzjoni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.
Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar il-30 ta Ottubru 2012 bih il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**
Din it-talba hija ghall-hlas ta' sistema tal-kompjuter kif ukoll *network system* provduta u mibjugha lis-socjeta' konvenuta ghall-kumpless tas-socjeta' konvenuta.

Illi t-Tribunal sema' x-xhieda ta' Adrian Sciberras li kkonferma taht gurament li l-intimat Luigi Ravailia li jirraprezenta lis-socjeta' konvenuta kien iffirma ftehim fejn xtara komputers u sistema ta' computers. L-intimat Ravailia, rapprezentant tas-socjeta' intimata, kien sahansitra ffirma l-*invoices* u zewg cekkijiet fis-somma kumplessiva ta' elfejn seba' mija u sittin ewro (€2760), ara Dok A2 a fol. 16 tal-process, u dawn ma gewx onorati.

Minkejja diversi seduti, s-socjeta' intimata ma pprezentatx evidenza dwar il-kontestazzjoni taghha dwar l-ammont mitlub.

Ghalhekk, fic-cirkostanzi it-Tribunal ihoss illi t-talba giet ippruvata.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn tmien mija u tnejn u sebghin ewro u erba' centezmi (€2872.04), kif mitluba fl-*invoice*, bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez ta' din il-kawza jigu sopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------